MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Numru 183/2007

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Matthew Piscopo ta’ 32 sena, bin John u Antonia nee Spiteri, imwieled Pieta’ nhar id-9 ta’ Diċembru 1974 u residenti ‘Rosdyl’ Flat 2 Triq il-Kummerċ, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ **68675 (M)** u **li tressaq arrestat fil-5 ta’ Marzu 2007**

**Akkużat**

(a) talli b’diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li jkunu ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, uża vjolenza sabiex iġiegħel lil Josianne Mallia tagħmel, tħalli jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, liema reat, Josianne Mallia kellha tasal għalih skond l-artikolu 251(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.
(b) Aktar talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u

cioe ħajt ta' residenza, liema ħsara tiskorri il-valur ta' ħamsin lira Maltija (LM50) imma mhux il-valur ta' ħames mitt lira Maltija (LM500) għad-detriment ta' Josianne Mallia skond l-Art 325 (1b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Aktar talli kkaġuna lil Josianne Mallia u Rosaria Mallia jibżgħu li ser tintuża xi vjolenza kontriehom jew kontra il-propjeta' tagħhom, jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti jew xi persuna imsemmija fl-Art 222(1) skond l-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(d) Aktar talli żamm f'xi fond u cioe f'Rodsyl Flat 2 Triq il-Kummerc Qormi, jew kellu fid-dintorni tiegħu armi tan-nar, munizzjon elenkati fl-iskeda II mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

(e) Aktar talli kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar mingħajr ma kienu koperti b'polza ta' l-assikurazzjoni għal riskji fil-konfront ta' terzi persuni u dana skond l-Artikolu 27(2) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

(f) Aktar talli għall-ħabta ta' Jannar 2007, ġarr senter kkargat u barra mill-għata tiegħu kif ukoll spara l-istess senter f'distanza ta' inqas minn 200 metru 'l bogħod mill-abitat kif ukoll f'inqas minn 50 metru 'l bogħod minn triq skond l-Artikolu 18(2a) ta' l-Avviż Legali 79/ 2006;

(g) Aktar talli waqt li kien qed jagħmel reat, kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u cioe senter skond l-Artikolu 12 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

(h) Aktar talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Josianne Mallia f'periklu car, volontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Josianne Mallia u dana skond l-Artikolu 214, 221 (3a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(i) Aktar talli kellu fil-pussess tiegħu skratac kkargati b'comb ta' diametru ikbar minn 3.3mm u dana skond l-AL 79/2006 Regolament 22 emendat bir-Regolament 13 ta' AL 39 / 2007;

(j) Aktar talli kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar bbalzmati li l-ispeci tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III tar-Regolament 79/ 2006 u li ma kienux ġew rreġistrati mas-Sezzjoni fi żmien stipulat fis-Sub Regolament 6 tar-Regolament 21 ta' l-AL 79/ 2006 u dan skond l-Artikolu 21(5) ta' l-AL 79/ 2006;

(k) Aktar talli zamm lil xi għasfur kemm ħaj, kemm mejjet jew xi parti minn xi għasfur li l-kacca jew it-teħid tiegħu huma pprojbiti taħt ir-Regolamenti ta' l-AL 79/2006, allura mhux skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess Regolamenti 4(1)(e) hekk kif emendat bir-Regolament 3 ta' AL 39/2007 skond ir-Regolament 4 ta' l-AL 79/2006;
(l) Aktar talli ta fastidju lil Josianne Mallia skond l-Artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(m) Aktar talli ħebb kontra Josianne Mallia sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor;
(n) Aktar talli hedded bil-mewt, bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi oħra kontra Josianne Mallia;
(o) Aktar talli bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor
(p) Aktar talli għamel reat waqt il-perjodu ta' kundizzjoni maħruġa mill-Qorti, b'sentenza li saret definittiva nhar it-30 ta' Ġunju 2006 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Kriminali, ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. fejn kien ssentenzjat skond l-Artikolu 22 tal-Kap 446 għal żmien sentejn.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tipprovdi għall-protezzjoni ta' Josianne Mallia u tal-familja tagha skond l-Artikolu 421C u kif wkoll tordna trażżin skond l-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija tikkonfiska l-armi kollha ta' l-akkużat skond l-Artikolu 56 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta kif wkoll tissospendi il-licenzja taż-żamma ta' l-armi ta' l-akkużat skond ir-Regolament 27(2)(b) ta' l-Avviż Legali 79 ta' l-2006.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali tiegħu a fol 6 u 7, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu li jgib in-numru 686 tas-sena 1975; il-verbal li fih id-difiża eżentat lill-prosekuzzjoni milli ġġib ix-xhud ta' l-istqarrija (fol 12); il-kunsens ta' l-avukat ġenerali a fol 31 li bih huwa ta l-kunsens tiegħu sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji; l-istqarrija ta' l-imputat a fol 22 sa 24; il-verbal fejn il-prosekutur esebixxa sett ritratti kif wkoll dokument li juri

borża tal-plastic b'4 skieken u bird caller (Dok JJB1), dokument li fih borża tal-plastic kontenenti kaxxa b'foil maħruq li tintuża fit-teħid tad-droga (Dok JJB2); u dokument u Dok JJB3 (4 skrataċ li gew magħluqin f'envelope kannella tal-Gvern ta' Malta); id-dokument MC ppreżentat minn PS 238 Michael Carter u Dok SG u SG1 esebiti minn Sandro Gatt (fol 51); id-dokument RB a fol 62 li huwa il-*current incident report* u s-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2006 esebita mill-ispettur Nezren Grixti a fol 86 u d-digriet li bih is-sentenza tħalliet għal din il-ġurnata.

Semgħet ix-xhieda bil-gurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

<u>Xhieda tal-prosekuzzjoni</u>

Illi l-imputat tressaq b'arrest fil-5 ta' Marzu 2007 u dan kien għaliex fl-4 ta' Marzu 2007 għall-ħabta tas-6.30pm, il-pulizija ta' Ħal Qormi kienet infurmata li kien hemm ċertu Josianne Mallia li kienet tinsab Ta' Sliema fuq bejt u kienet qed tipprova tikkommetti suwiċidju wara li kienet xebgħet mill-attitudni tal-boyfriend tagħha.

Lill-pulizija, dejjem skond ix-xhieda ta' l-ispettur Jesmond J Borg, Josianne Mallia qaltilhom illi l-imputat kien spara anke tir ta' arma fir-residenza tagħha u li kienet tibza' tagħmel rapport lill-pulizija għaliex kienet mhedda illi dan kien ser joqtolha. Kienet qalet ukoll illi l-imputat jabbuża mid-droga. Hija qalet illi kienet f'theddid kontinwu mill-imputat sabiex tagħtih il-flus ħalli jkun jista jixtri d-droga. Dak inhar stess Matthew Piscopo kien ċempillha fuq ix-xogħol u kien qalilha li jekk hi ma kinitx bi ħsiebha ġġib il-flus magħha biex ikun jista jixtri d-droga, hu kien ser joqtolha immedjatament kif tasal id-dar.

Meta l-ispettur Jesmond J Borg kellem lil Matthew Piscopo, hu beda jinnega l-allegazzjonijiet.

L-ispettur mar fid-dar ta’ Josianne Mallia fejn raw tir ta’ arma tan-nar fit-tarf tal-kuritur mal-ħajt. Kien hemm it-toqob taċ-ċomb u kien evidenti li kien veru ġie sparat dan it-tir.

Mid-dar ta’ Josianne Mallia kienu ġew elevati żewġ armi tan-nar, waħda Beretta, serial number V21190E u oħħra Remington PC361506. L-ispettur eleva wkoll 4 skieken u kien hemm anke bird caller biex isiru iktar investigazzjonijiet.

Josianne Mallia qalet lill-ispettur li kienet ilha tgħix ma Matthew għal dawn l-aħħar 17-il sena għalkemm ma kienux miżżewġin. Hija qalet ukoll lill-ispettur li bejn l-ewwel 6 u 8 snin li kienu flimkien, Matthew mhux l-ewwel darba li sawwatha u hi kienet tmur tagħmel rapporti fl-għassa tal-Ħamrun pero dejjem ħafritlu.

<u>L-istqarrija ta’ l-imputat</u>

L-imputat qal li kien ilu joqgħod ma Josianne Mallia minn meta kellu 16-il sena. Huwa ċaħad li kien isawwatha għalkemm ġieli imbuttaha xi ftit (fol 22). Dwar it-Tlieta 4 ta’ Jannar u xi 8 ġimghat qabel huwa qal illi Josianne riedet tagħmel tattoo. L-imputat kien ħadha bi kbira u inqala’ argument. Huwa ħareġ mill-kamra, qabad is-senter Remington minn ġol-vetrina u wara li kkargah, qabez il-kamra tas-sodda fejn kienet tinsab hi u spara fid-direzzjoni tal-ħajt tal-faċċata biex jikkalma lilu nnifsu. Huwa għamel is-senter mill-ewwel f’postu. Is-sitwazzjoni kienet rranġat. Huwa ċaħad li kien hedded lil Josianne Mallia bil-mewt. Huwa qal li kien ibati bl-epilepsija (fol 23).

Dwar l-armi li kien hemm id-dar huwa qal li kienu liċenzjati fuqu. Hu qal li kien bi ħsiebu iħallas il-liċenzji u kien qed jistenna jaqbad iċ-ċekk. Dwar l-iskrataċ huwa qal li dawn kienu biss għall-kollezzjoni waqt li dwar l-iskieken l-imputat qal li ma kienx jaf li jrid jirreġistrahom. Il-bird caller kien xtrah minn ħanut normali. L-għasafar li kellu għandu kienu ilhom hemm hekk u ma kienx jaf meta ħarġet il-liġi li setgħu jirreġistrawhom. Il-kaxxa li kien hemm bit-tabakk fil-gallerija kienet tiegħu u kien hemm

biss xi foil. Fl-aħħar qal li hu kellu bżonn il-kura u Josianne Mallia bdiet tipprova tgħinu sabiex jieħu l-kura.

Xehdet Josianne Mallia li qalet li l-imputat kien il-partner tagħha u li minħabba li kien qed jieħu d-drogi kien sar agressiv. Hija kienet marret għand il-pulizija għax ma setgħetx iktar tgħix dik il-ħajja. L-imputat kien spara ġod-dar bis-senter. Huwa kien spara fil-kuritur u kien spara ‘l fuq (fol 37). Hija kkonfermat li kien spara bejn it-8.00am u 9.00am u dan għaliex kienet għamlet it-tattoo. Imbgħad hu qabad jagħtiha b’idu u b’sieqx. Hija kienet rrapurtat illi l-inċidenti kienu ġraw minn Jannar 2007 ‘l quddiem. L-inċident tas-senter kien seħħ f’Jannar 2007. Huwa kien qabad jagħtiha ġo rasha, ħareġ is-salott u hi semgħet is-senter jikkarga u spara tir ġol-kuritur. Imma ma kienx daħal għaliha bl-arma. Hu kien heddidha li joqtolha u jmur 20 sena ħabs. Hi ma setgħetx tiftakar id-data eżatt ta’ meta spara dawn it-tiri (fol 31). Bejn Jannar u Marzu kien hemm swat darba biss u kien taha daqqa go ħalqha u din ma kinitx bil-ponn. Hija kienet marret għand tabib xi jumejn wara li sar l-inċident ta’ Jannar (fol 31 u fol 32). Hija kkonfermat illi s-snieter li kien hemm ġod-dar kienu ta’ Matthew Piscopo. Anke l-għasafar kienu ta’ Matthew Piscopo wkoll.

Xehdet ukoll Rosaria Mallia li qalet illi l-inċidenti kienu seħħu madwar xahrejn qabel minħabba xi tattoo. Hija kienet rat lil Matthew Piscopo jagħti lill-imputata b’idejh lil hemm u lil hawn. Huwa kien ħareġ mill-kamra u spara tir fil-kuritur għal ġol-ħajt. Hija kienet semgħet it-tir. Imma meta daħal fil-kamra l-imputat ma kellu xejn f’idejh u qabdu jagħtu t-tnejn (fol 36). Huwa kien daqxejn agressiv minħabba d-droga. Ġieli ma kienx ikun hemm differenzi u ġieli r-relazzjoni kienet tkun ħażina (fol 37). Josianne Mallia kienet tgħidlu biex irabbi l-għaqal u jmur programm.

Xehdet ukoll Lucienne Guzman u qalet li kienet marret tara lil Josianne Mallia xi xahrejn qabel li kien xi jumejn wara li ġġieldu. Hi kienet akkumpanjata għand it-tabib u Josianne Mallia kienet qaltilha li ma tixtieqx tieħu passi. Josianne Mallia kellha xi tbenġil f’sieqha. Waqt l-inċident din ix-xhud ma kinitx preżenti. Meta kienet mistoqsija mid-

difiza, din  ix-xhud qalet li ma kienx hemm feriti fuq il-ħalq, xuftejn u wiċċ il-vittma.

L-ispettur Jesmond J Borg kien riprodott u esebixxa sett ta' ritratti meħuda minn PC 404 Paul Camilleri. Dawn ttieħdu fuq il-post ta' l-inċident jiġifieri Block C Flat 2 Triq il-Kummerċ Qormi kif wkoll fl-għassa ta' Ħaż Żebbug ta' xi tajr li huwa protett.  Esebixxa wkoll evidence bag li kien fiha bird caller, sikkina b'manku ahmar u sikkina b'manku iswed bi stripes oranġ u sikkina u mus li kienu elevati fl-4 ta' Marzu 2007 mill-post li għadu kif kien imsemmi. Esebixxa wkoll landa li kien fiha xi foil maħruq u xi foil ieħor.  Esebixxa wkoll 4 skrataċ.

Xehed ukoll PS 238 Michael Carter illi ħareġ x'għandu armi fuq ismu l-imputat u semma Air Rifle bin-numru 17267/96 u senter shotgun Remington bin-numru PC361506 u shotgun ieħor Pietro Beretta bin-numru D21190E.  L-aħħar wieħed kien jinsab konfiskat.  Il-liċenzja li kellu valida f'isem l-imputat kienet tiskadi fil-31 ta' Dicembru 2006.

Xehed ukoll PS 487 Reuben Balzan li qal li fl-4 ta' Marzu 2007 għall-habta tas-6.30pm kienu ġew infurmati mill-maġġur li kien hemm Josianne Mallia li kienet ser tikkommetti suwiċidju minħabba l-boyfriend tagħha Matthew Piscopo.  Din kienet qaltilhom li ftit ġimgħat qabel kien spara fid-direzzjoni tagħha fid-dar tagħhom u bdiet tibża minnu għax hu kien drug consumer.  Huwa kien mar fil-post fejn kienet toqgħod Josianne Mallia u sab lill-imputat u ħadu l-għassa. Dan ma offra ebda reżistenza. Dan ix-xhud qal illi ra t-tir tas-senter mal-ħajt u kien hemm ukoll il-fanal tal-kuritur li kien milqut bit-tir tas-senter. Kienu elevati żewġ snieter li kienu ġo vetrina. Wieħed minnhom kien Remington u ieħor kien Pietro Beretta. Instabu wkoll żewġt imwies u skieken u kienu elevati wkoll xi tajr bbalzmat.  Huwa kkonferma dan kollu meta kien ġie muri Dok JJB1 (fol 60).  Fil-*current incident report* a fol 62 juri illi l-entry kien sar fl-4 ta' Marzu 2007 u li r-rapport kien sar minn Josianne Mallia.  Mill-investigazzjoni kien jirriżulta li madwar xi 8 ġimgħat qabel, is-suspettat Matthew Piscopo kien spara (fol 64).

Xehed ukoll Stanley Gatt, Environmental Officer dwar it-tajr bbalzmat. Huwa għamel riċerka biex jara jekk Matthew Piscopo qattx kien ddikjara li għandu pussess ta' tajr protett u minn tfittxija li saret fid-database ma rriżultax illi il-kollezzjoni illi kellu fir-residenza tiegħu kienet ddikjarata. Huwa eżamina 10 tajriet u rriżulta li kien hemm xi tajr protett u hawn hekk huwa esebixxa lista ta' tajr li kien sekwestrat mill-pulizija li huwa protett u li ma kienx ġie reġistrat. Tliet eżemplari huma imħarsa b'mod speċjali u cioe huma imniżżlin fl-iskeda B ta' l-Avviz Legali 79/2006. It-tajr protett la kien reġistrat fuq residenza u lanqas fuq isem l-individwu. Irriżulta wkoll li kien hemm 4 skrataċ taċ-ċomb li huma iħxen minn 3.3mm.

Xehed ukoll Carmel Camilleri, MEPA Inspector illi qal li fil-5 ta' Marzu 2007 huwa kienu sabu 10 għasafar bbalzmati li 7 minnhom kienu protetti u li suppost gew reġistrati skond l-Avviż Legali 23 tas-sena 1997 u l-Avviż Legali 41 tas-sena 2003. Mill-investigazzjonijiet li għamlu, dawn ma kienux reġistrati. Ir-ritratti juru għasafar protetti li suppost ġew reġistrati. Dwar l-iskrataċ huwa qal li dawn huma ikbar minn 3.3mm.

Xehed ukoll PC 404 Paul Camilleri illi kkonferma r-ritratti illi kienu ttiedu.

Xehed Charles Grech li jghix fl-istess kondominju u qal li fl-appartament kien sema' xi storbju u hu kien tahom l-għajnuna. Kienu ħabbtulu l-bieb għax hu joqgħod taħthom u tahom l-għajnuna dak il-ħin u imbgħad is-sitwazzjoni kkalmat.

Xehed ukoll Connie Grech u qalet illi kienu semgħu ħafna storbju pero ma tiftakarx meta bejn wieħed u iehor. Is-sitwazzjoni kkalmat mill-ewwel.

Xehed l-ispettur Nezren Grixti illi kkonferma sentenza datata 30 ta' Ġunju 2006 fejn l-imputat kellu conditional discharge għal sentejn jigifieri li kellha tispiċċa fit-30 ta' Ġunju 2008.

Xhieda difiża

Xehed is-Sur Carm Camilleri illi jaħdem mad-Drugs Community tas-Sedqa. Huwa kien jaf lill-imputat u rah xi 11-il darba ġewwa St. Michael's Ward l-isptar fejn kien qed isegwieh. Hu qal li l-imputat beda jieħu d-droga minn meta kellu 9 snin u beda dejjem iżid speċjalment l-eroina. L-imputat kellu anke kuntatt mad-Detox biex jieħu l-methadone. Dawn l-aħħar 4 xhur kienu qed isiru tħejjijiet sabiex l-imputat ikun jista' jilta' programm.

Xehed ukoll Anthony Schembri li huwa assistant manager Forensic Unit illi qal li Dr. Spiteri kien awtorizzah jgħid illi Matthew Piscopo huwa mentalment tajjeb biex imur il-programm.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat seriatim.

**Imputazzjoni (a) – Vjolenza Privata.**

Il-Qorti semgħet ix-xhud Josianne Mallia tikkonferma bil-ġurament li f'Jannar tas-sena 2007, f'jum li ma kenitx taf eżatt, l-imputat kien spara 'l fuq fil-kuritur tad-dar fejn jgħammru flimkien iżda li ma kienx daħal fil-kamra bl-arma. (ara fol.30). Dak in-nhar il-kwistjoni kollha kienet dwar tattoo li għamlet ix-xhud u li għaliha li l-imputat kien oġġezzjona. A fol.26, ix-xhud qalet ukoll li l-imputat kien jheddidha jekk ma tagħtihx il-flus għad-droga.

Mix-xhieda prodotta minn imkien ma jirriżulta b'mod ċar li Josianne Mallia realment tat il-flus sabiex l-imputat jixtri d-droga. Jirriżulta biss prova ċara ta' theddid **kontinwu** biex issir xi ħaġa ħażina ( l-akkwist tad-droga). Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' reat taħt l-artikolu 251(1) li huwa kompriż u involut fl-artikolu 251(2).

**Imputazzjoni (b) Ħsara fi ħwejjeġ ħadd ieħor.**

Mill-proċess jirriżulta xhieda okulari li s-sinjali tat-tir li spara l-imputat għadhom jidhru. Ma jirriżultax iżda li dan it-tir sar fi ħwejjeġ ħadd ieħor għax ma nġiebet ebda prova jekk id-dar hijiex tal-'komunjoni' jew hijiex parafernali ta' Josianne Mallia. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni.

**Imputazzjoni (ċ) Biża' li tintuża vjolenza kontra Josianne u Rosaria Mallia jew il-propjeta' tagħhom**

Skond l-artikolu 251B jekk l-imġiba ta' persuna ġġiegħel lil ħadd ieħor jibża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew dik ta' l-axxendenti, dixxendenti jew aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1), jkun ħati ta' reat.

Mill-provi jirriżulta li l-imputat spara ċenter ġod-dar kif ukoll li kien jhedded **kontinwament** lil Josianne Mallia. Ma jirriżultax li l-imputat bl-imġiba tiegħu allarma lil xi ħadd ieħor dwar is-sigurta' ta' persuntu jew tal-propjeta' tiegħu.

Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni b'dan pero' li din ser tqisha bħala assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**Imputazzjoni (d) Pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon mingħajr il-Liċenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija.**

Jirriżulta mix-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond Borg, PS Michael Carter u PS 487 Ruben Balzan li l-imputat kellu żewġ snieter (shotguns) – Remington u Pietro Beretta (ara per eżempju fol.60) u wieħed minnhom (P.Beretta) huwa konfiskat (fol58) u air rifle Norica (fol.58) li l-liċenzja tagħhom kienet skadiet f'Diċembru 2006 (ara fol.57 u 58). Fl-4 ta' Marzu 2007 l-imputat stqarr li kien qed jistenna ċ-ċekk sabiex ikun jista' jħallas il-liċenzji.

Għalhekk din l-imputazzjoni hija ppruvata.

**Imputazzjoni (e) Pussess ta' arma tan-nar li mhix koperta b'polza ta' assigurazzjoni**

Ġaladarba l-imputat kellu armi li ma kienx liċenzjat għalihom, dawn l-armi ma kinux assigurati ai termini ta’ la-rtikolu 27(2) tal-Kap 480. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ din l-imputazzjoni.

**Imputazzjoni (f) F’Jannar 2007 ġarr senter ikkargat u barra mill-għata tiegħu u sparah**

Hemm evidenza biżżejjed li l-imputat ġarr senter u sparah fl-abitat (għaliex f’dar) f’xi jum ta’ Jannar 2007. Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati ai termini tar-regolament 18(2)(a) ta’ l-Avviż Legali 79/2006

**Imputazzjoni (g) Pussess ta’ arma tan-nar waqt li qed jitwettaq ir-reat.**

Il-Qorti wiżnet il-provi li għandha quddiemha u qed tikkonkludi li tassew l-imputat kellu arma tan-nar u sparaha fil-kuritur tad-dar iżda l-Qorti qed tqis li din l-imputazzjoni hija assorbita fl-imputazzjoni (f) ai termini ta’ la-rtikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Imputazzjoni (h) Ġrieħi ta’ natura ħfief fuq il-perrsuna ta’ Josianne Mallia.**

Għalkemm m’hemmx il-ħtieġa assoluta li jittella’ tabib jixhed dwar il-ġrieħi li jkollha persuna, il-Qorti mhix soddisfatta li saru xi ġrieħi. Tassew li Josianne Mallia marret għand it-tabib u xhud ieħor ra xi daqqiet iżda l-Qorti ma rat xejn u mhix tal-fehma li hemm xi prova ‘l hemm minn kull dubju raġonevoli li xi persuna sofriet ġrieħi ħfief li kienu inflitti mill-imputat. Għaldaqstant qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni wara li rat l-artikoli 214 u 221(3)(a) tal-Kap 9.

**Imputazzjoni (i) Pussess ta’ skrataċ.**

Mix-xhieda prodotta din l-imputazzjoni hija ampjament ippruvata u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tagħha.

**Imputazzjoni (j) Pussess ta’ Għasafar ibbalzmati**

L-imputat instabu fil-pussess tiegħu numru ta’ għasafar ibbalzmati bi tlieta minnhom protetti b’mod speċjali. Huwa qal li dawn kienu ilhom għandu u li ma kienx jaf li kellu jirreġistrahom. Il-Qorti hija soddisfatta li l-imputat kellu l-pussess ta’ dawn l-għasafar u li ma kienx irreġistrahom kif titlob il-Liġi. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ din l-imputazzjoni.

**Imputazzjoni (k) Żamma ta’ għasafar ħajjin jew mejtin**

Mill-provi li diġa’ saret referenza għalihom, din l-imputazzjoni tirriżulta wkoll iżda fil-fehma tal-Qorti din hija assorbita fl-imputazzjoni (j) ai termini ta’ l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Imputazzjoni (l) Fastidju lil Josianne Mallia (artikolu 251A tal-Kap 9).**

Il-Qorti qed tikkonkludi li waqt li l-imputat hedded lil Josiane Mallia, iżda dan ma jfissirx li għamel xi harassment ai fini ta’ l-artikolu 251A tal-Kap 9 għaliex dan l-artikolu japplika għal sitwazzjoni differenti minn dik odjerna. Dan diġa’ ġie maġistralment spjegat a fondo mill-Imħallef Dr.Joe Galea Debono fil-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Imputazzjoni (m) –artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9**

Quddiemha l-Qorti għandha provi biżżejjed li l-imputat ‘imbotta’ u ħebb għal Josianne Mallia. Il-Qorti ssibu ħati ta’ din il-kontravenzjoni iżda qed tqis li din l-imputazzjoni hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini ta’ l-artikolu 17(h).

**Imputazzjoni (n) – 339(1)(b) tal-Kap 9**

L-imputat hedded lil Josianne Mallia bil-mewt u għalhekk il-Qorti qed issibu huwa ħati ta’ din il-kontravenzjoni li hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini ta’ la-rtikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Imputazzjoni (o) Ksur tal-mistrieħ bil-lejl – 338(b) tal-Kap 9**

L-allegata sparatura saret filgħodu (bejn it-tmienja u d-disgħa) u m’hemm edbda prova ta’ xi ksur tal-mistrieħ bil-lejl. Il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Imputazzjoni (p) Ksur ta’ kundizzjoni f’sentenza.**

Is-sentenza tat-30 ta’ Ġunju 2006 kienet ippreżentata u skond din l-imputat kien liberat b’kundizzjoni għal sentejn.(fol.86) Jinsab ippruvat ampjament li l-imputat wettaq reat f’anqas minn sentejn u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ din l-imputazzjoni ai termini ta’ l-artikoli 23(1)(a) tal-Kap 446 u t-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll tar-Regolament 9 tal-GN 292/1939 b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 17(b).

**Konklużjoni**

Il-Qorti wara li rat

l-artikoli 17(b), 17(f), 17(h), 18, 214, 221(3)(a), 251(1), 251A, 251B(1), 325(1)(b), 251(A), 252B(1), 339(1)(d) 339(1)(b) 338(b) tal-Kap 9

5(1), 12, 27(2) u 51(2)(9) (proviso) u l-Iskeda II tal-kap 480

Ir-regolamenti 18(2)(a), 22, 21(5)(6), 4(e), 27(1)(a)(b)(c), 27(3)(a) ta’ l-Avviż Legali 79 tas-sena 2006

l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 u t-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat:

(a) ħati ta’ l-imputazzjonijiet (a), (ċ), (d),(e), (f), (g), (i), (j),(k), (m), (n), u (p)

Bl-imputazzjoni (ċ) assorbita fl-imputazzjoni (a);
Bl-imputazzjoni (g) assorbita fl-imputazzjoni (f);
Bl-imputazzjoni (k) assorbita fl-imputazzjoni (j);
Bl-imputazzjoni (m) assorbita fl-imputazzjoni (a);
Bl-imputzzjoni (n) assorbita fl-imputazzjoni (a);

U

(b) qed illiberah mill-imputazzjonijiet (b), (h), (l), (o)

Il-Qorti fliet sew dak li kellhom x'jgħidu dawk li qed jieħdu ħsieb l-imputat, u qieset ukoll li dan issa mħejji kif jixraq biex jibda program ta' riabilitazzjoni. Ikkonsidrat ukoll x'kienu ċ-ċirkostanzi ta' l-isparatura li saret fid-dar u li theddid biex jingħata l-flus għad-droga kien ripetut. Wara li wiżnet dan kollu, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' ħdax-(11) il xahar li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' Lm300 (tliet mitt lira Maltija). Il-multa tista' titħallas b'rati ta' għoxrin lira fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull ħames liri Maltin mhux imħallsin.

**Il-Qorti tirrakkomanda li l-programm ta' riabilitazzjoni għandu jibda malajr kemm jista' jkun.**

Dwar il-bqija tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti qed tipprovdi kif ġej:

(a) Il-Qorti ntalbet biex tipprovdi għall-protezzjoni ta' Josianne Mallia u tal-familja skond l-artikolu 412C kif ukoll ordni ta' trażżin skond l-artikolu 382A tal-Kap 9. Fl-aħħar udjenza deher li ċertu perikolu kien għadda. Għalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa f'waqtu li wieħed jilqa' din it-talba.

(b) Konfiska ta' l-armi. Ai termini ta' l-artikolu 56 tal-Kap 480, il-Qorti qed tordna l-konfiska ta' l-armi kollha li

għandu l-imputat. Tordna wkoll il-konfiska tat-tjur ibbalzmati.

(ċ) Sospensjoni tal-Liċenzja: Il-Qorti rat l-artikolu 27(2)(b) ta' l-Avviż Legali 79 ta' l-2006 li jipprovdi għas-sospensjoni tal-liċenzja f'każ ta' 'a second or a subsequent conviction'. Minħabba li ma jidhirx li l-imputat instab ħati t-tieni d-darba taħt l-artikolu 27(2) ta' dawn ir-regolamenti, il-Qorti mhix qed tilqa' din it-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------